MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 704/2003

Kawza fil-lista: 29

**X Y**
**vs**
**Z Y**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-kontendenti izzewgu fit-tnejn ta’ Dicembru tas-sena elf disa’ mija u erbgha u disghin (02.12.1994) fil-knisja ta’ San Pawl ir-Rabat Malta (Dok A) u mil-liema zwieg twildulhom zewg ulied, V u W ahwa Y li llum ghandhom seba’ (7) snin rispettivament peress illi huma twins (Dok. B u C);

Premess illi l-konvenut irrenda ruhu hati fil-konfront ta' l-attrici martu u tal-qraba tagha, inkluz ulied il-partijiet fuq imsemmija, ta' eccessi, minacci, sevizzji u ingurji gravi b' mod li rrenda impossibli l-hajja konjugali bejniethom;

Premess illi l-hajja matrimonjali bejn il-partijiet hija mpossibli minhabba inkompatibilita' ta' karattru bejn il-kontendenti;

Premess illi l-kontendenti gew awtorizzati jipprocedu ghas-separazzjoni personali ad mensa et thoro, skond digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, digriet numru 569/2003 hawn anness u mmarkat bhala Dok D;

Jghid ghalhekk il-konvenuta ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghalfejn ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali ad mensa et thoro bejn il-partijiet minhabba eccessi, sevizzi, minacci u ingurji gravi li l-imsemmi Z Y ikkommetta kontra martu u l-qraba taghha u/jew minhabba inkompatibilita' ta' karattru bejn il-kontendenti;

2. Tafda l-kura u kustodja ta' uliedhom minuri V u W ahwa Y f' idejn l-attrici ommhom fl-ahjar interess ta' l-istess minuri;

3. Tordna illi l-attrici tinghata d-dritt li tibqa' tghix fid-dar konjugali cioe' 48, Triq Ebona, Zebbug Malta flimkien ma' uliedha minuri u dan ad eskluzjoni tal-konvenut zewgha.

4. Tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici, ghlaiha u ghal uliedhom minuri V u W ahwa Y dak il-manteniment li joghgobha tiffissa din il-Qorti skond il-bzonnijiet ta' l-attrici u l-minuri u l-mezzi ta' zewgha, liema manteniment ghandu jithallas direttament lill-attrici mill-employer tal-konvenut minn zmien ghal zmien wara li jitnaqqas mis-salarju tal-konvenut;

5. Tiddikjara xolta l-kommunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti;

6. Tillikwida l-istess kommunjoni u taqsamha f’ zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali b’ tali mod li, jekk ikun il-kaz, il-konvenut jitlef kull jedd li ghandu ghan-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hila ta’ l-attrici u dan minn data li tigi stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-konvenut ta’ lok li ssir din is-separazzjoni;

7. Tassenja z-zewg porzjonijiet, wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut bin-nomina okkorrendo ta’ perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta’ qasma, u nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirraprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk quddiem is-Sekond’ Awla, kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa li t-talbiet attrici huma infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt liema talbiet ghandhom jigu respinti u dan ghall-ragunijiet li ser jigu spjegati waqt is-smiegh tal-kawza;

Illi di piu l-esponenti ma jahdimx u jghix bl-assistenza socjali u ma ghadux minn fejn jaghti manteniment.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali l-Avukat Dottor Marco Ciliberti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Separazzjoni Personali**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob lil din il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali bejnha u bejn

zewgha l-konvenut, ghar-ragunijiet kontemplati fl-Artikolu 40 Kap.16. Il-konvenut minn naha tieghu rreagixxa ghal-pretensjonijiet attrici b' cahda generali, u inoltre li huwa m' ghandux minn fejn ihallas manteniment, stante li jghix bl-assistenza socjali.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-2 ta' Dicembru 1994 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt it-tfal V u W li ghadhom minorenni. Jirrizulta ampjament li l-konvenut huwa bniedem inklinat ghal vjolenza u matul il-hajja matrimonjali f' diversi okkazzjoni hedded u sawwat lil martu anke quddiem uliedhom. Rizultat ta' dan u wara incident vjolenti f' April tas-sena 2003 l-attrici telqet mid-dar u marret tghix go shelter provduta mill-Agenzija Appogg fejn damet tghix tlett xhur. Sadanittant ghalkemm il-konvenut kien gie ordnat mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili sabiex jghati lil martu s-somma settimanali ta' Lm15 bhala manteniment, dana waqaf hesrem mix-xogol, bir-rizultat li l-attrici kellha tohrog tahdem biex tmantni lilha nnifisha. Wara ftit li bdiet tahdem, hija kriet appartament fejn ghadha toqghod sallum. Minn naha tieghu l-konvenut baqa' joqghod fid-dar matrimonjali flimkien ma' l-ulied, mara ohra li maggha ghandu relazzjoni u tarbija tal-konvenut li twieldet minn din ir-relazzjoni.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabbilment unikament tort tal-komportament abusiv u agressiv tal-konvenut fil-konfront ta' martu li matul il-konvivenza tieghu ma' martu rrenda ruhhu hati ta' eccessi, sevizzi, minacci u offizi gravi fil-konfront taghha. Ghalhekk huwa esklussivament ghandu igorr il-htija ghas-separazzjoni personali bil-konsegwenzi legali kollha.

**Kura u Kustodja**

Illi l-koppja ghandhom zewgt it-tfal li twieldu fil-25 ta' Dicembru 1995 u li ghalhekk illum ghadhom minorenni. Fil-prezent dawn qed jghixu fid-dar matrimonjali mal-konvenut, stante li fiz-zmien inizjali tas-separazzjoni l-Qorti kienet ikkunsidrat li huwa fl-interess tal-minuri li dawn jibqghu jghixu fid-dar matrimonjali milli fis-shelter fejn l-attrici kienet kostretta tmur tghix. Illum il-gurnata s-

sitwazzjoni hija differenti stante li l-attrici kriet appartament ghaliha.

Il-Qorti in propositu rat ir-rapport tas-social worker u anke tal-perit legali, u hija tal-fehma li l-ahjar interess tal-minuri huwa li dawna jirrisjedi ma’ ommhom l-attrici, tenut kont tal-fatt li ma rrizultax li dina qeda tikkoabita ma’ terza persuna jew li ghandha xi relazzjoni extra matrimonjali, ghal kuntrarju tal-konvenut li fid-dar matrimonjali qed jghajjex mara ohra u t-tarbija taghhom. Barra minnhekk il-komportament tal-konvenut huwa ta’ ezempju hazin ghal uliedu.

Ghaldaqstant l-ahjar interess tal-minuri jiddetta li dawna jghixu ma’ ommhom li ghandu wkoll ikollha l-kura u kustodja taghhom; bid-dritt ta’ access lill-konvenut darbtejn fil-gimgha, saghtejn kull darba, u darba fil-weekend is-Sibt/hadd b’ mod alternat mid-9.30 am sas-7.00 pm.

**Manteniment**
Mill-provi rrizulta li mas-separazzjoni de facto il-konvenut waqaf hesrem mix-xoghol u beda jghix fuq l-assistenza socjali. Ghalkemm fix-xhieda tieghu huwa ttanta jressaq il-pretest li ma kienx kapaci ghax-xoghol, liema fatt ma rnexxielux jipprova adegwatament, il-Qorti hija konvinta li f’ dan il-kaz huwa waqaf mix-xoghol proprju biex ma jaghtix il-manteniment baxx ta’ Lm15 fil-gimgha lil martu u li ghalhekk halliha tfendi ghar-rasha.  Rizultat ta’ dan illum l-attrici tahdem bi qligh u qed tikri appartament bil-kera ta’ Lm80 fix-xahar.

F’ dan ir-rigward il-Qorti tosserva li, stante li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghal firda ta’ bejniethom, dan ghandu l-obbligu li jmantni lill-konvenuta kemm il-darba dina ma taghmilx xoghol bi qligh. Inoltre, huwa ghandu jhallas, jew jikkontribwixxi, ghal manteniment ta’ uliedu minuri sakemm dawn jaghlqu l-eta’ ta’ tmientax il-sena.  Izda fil-prezent, stante li jirrizulta li huwa ghadu ma’ jahdimx, huwa ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta’ LM30 fix-xahar bhala kontribut ghal manteniment taz-zewg uliedu liema somma mensili ghandha tinqata’ direttament

mid-dipartiment tas-servizzi socjali u tintbaghat permezz ta' cheque fir-residenza ta' l-attrici. Inoltre, ic-children's allowance taz-zewgt it-tfal minuri ghandu johrog fuq isem l-attrici u jinghata lilha stante li l-minuri ser ikunu jghixu maghha.

Fil-kaz li l-konvenut jerga' jibda jahdem huwa ghandu jivversa kull xahar ghoxrin fil-mija [20%] mill-qliegh nett tieghu lill-attrici bhala manteniment ghaliha, kemm il-darba dina ma tkunx ghadha tahdem bi qligh; u ghoxrin fil-mija [20%] ohra bhala manteniment ghal ulied minuri sakemm dawn isiru maggjorenni, jew anke qabel, jekk jibdew jahdmu bi qligh.

**Dar Matrimonjali**

Fil-prezent il-konvenut ghadu joqghod fid-dar matrimonjali numru 48 Triq Ebonia Zebbug, bil-kera annwa ta' Lm20, flimkien ma' mara ohra, filwaqt li l-attrici, li kienet kostretta titlaq mid-dar minhabba l-vjolenza ezercitata minnu fuqha, qeda tghix f' appartament bil-kera mensili ta' Lm80. Din il-posizzjoni mhijex wahda accettabbli tenut kont tal-fatt li l-htija tas-separazzjoni bejn il-kopja tirrisjedi unikament fuq il-konvenut.

Ghaldaqstant it-talba attrici sabiex tigi awtorizzata tghix fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut hija ampjament gustifikata u ser tigi milqugha minnufih, multo magis meta dina ser ikollha liz-zewg minuri jghixu maghha. Jigi osservat li l-fatt li l-inkwilinat tad-dar matrimonjali huwa jaqa' fl-assi parafernali tal-konvenut huwa immaterjali ghal dan l-aspett tal-kawza, stante li l-fond fuq indikat kien gie mghazul mill-koppja, u ghalhekk ghadu, id-dar matrimonjali tal-partijiet, u l-Qorti qed tuza s-setgha' taghha f' dan ir-rigward that l-Artikolu 55A tal-Kap.16

**Kommunjoni ta' l-Akkwisti**

In propositu l-Qorti tikkondividi l-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet raggjunti mill-perit legali u taddottahom in toto. Ghaldaqstant il-vettura Daewoo Racer numru JAE9004, u l-ispare bedroom li fil-prezent qeda fid-dar

matrimonjali ghandhom jigu assenjati lill-attrici, u dan ghas-saldu ta' kull kreditu dovut lilha.

Inoltre, jirrizulta nkontestat li l-attrici ghandha oggetti parafernali li fil-prezent qeghdin fid-dar matrimonjali, u li jinsabu elenkati minnha fin-nota guramentata taghha that l-intestatura "Proprjeta' Parafernali" [fol.55].

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet kontmeplati fl-Artikolu 40 tal-Kap.16, unikament imputabbli lill-konvenut;

[2] Tilqa' t-tieni talba u tafda l-kura u kustodja tal-minuri V u W f'idejn l-attrici, bid-dritt ta' access ghal missierhom kif fuq indikat;

[3] Tilqa' t-tielet talba u tawtorizza lill-attrici tghix fid-dar matrimonjali, flimkien ma' l-ulied minuri, ad eskluzjoni tal-konvenut; u konsegwenzjalment tordna li l-konvenut jallonta ruhu, jew jekk ikun il-kaz, jigi zgumbrat minn dan il-fond fi zmien tlett gimghat occorrendo bl-assistenza tal-Marixxall tal-Qorti u tal-Pulizija;

[4] Tilqa' r-raba talba u tafferma l-obbligu tal-konvenut li jmantni lill-attrici kemm il-darba dina ma taghmilx xoghol bi qligh. Inoltre, huwa ghandu jhallas, jew jikkontribwixxi, ghal manteniment ta' uliedu minuri sakemm dawn jaghlqu l-eta' ta' tmientax il-sena.  Izda fil-prezent, stante li jirrizulta li ghadu ma' jahdimx, huwa ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta' LM30 fix-xahar bhala kontribut ghal manteniment taz-zewg uliedu liema somma mensili ghandha tinqata' direttament mid-dipartiment tas-servizzi socjali u tintbaghat permezz ta' cheque fir-residenza ta' l-attrici.  Inoltre, ic-children's allowance taz-zewgt it-tfal minuri ghandu johrog fuq isem l-attrici u jinghata lilha stante li l-minuri ser ikunu jghixu maghha.

Fil-kaz li il-konvenut jerga' jibda jahdem huwa ghandu jivversa kull xahar ghoxrin fil-mija [20%]  mill-qligh nett

tieghu lill-attrici bhala manteniment ghaliha, kemm il-darba dina ma tkunx ghadha tahdem bi qligh; u ghoxrin fil-mija [20%] ohra bhala manteniment ghal ulied minuri sakemm dawn isiru maggjorenni, jew anke qabel, jekk jibdew jahdmu bi qligh.

Il-manteniment, kemm tal-konvenuta ghaliha kif ukoll tat-tfal, ghandu jigi versat lill-konvenuta permezz ta' cheque fid-dar residenzjali taghha.

[5] Tilqa' l-hames u s-sitt talba u tiddikjara xjolta l-kommunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet, u dana b' effett mid-29 ta' April 2003; u tillikwidha u taqsamha f' zewg porzjonijiet ugwali, b' dan li l-attrici ghandha tigi assenjata a saldu ta' sehemha mill-istess kommunjoni ta' l-akkwisti, il-vettura Daewoo Racer bin-numru ta' registrazzjoni JAE904, u l-ispare bedroom kif fuq indikat. Inoltre l-attrici hi awtorizzata tirriprendi pussess tal-oggetti parafernali indikati fin-nota guramentata ta' l-attrici fl-ewwel tlett linji tal-paragrafu intestat"Proprjeta' Parafernali" [fol.55],

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-konvneut

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------